MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2012

Numru. 340/2012

Il-Pulizija
(Sp Gabriel Micallef)
vs
Gianluca Torres, iben Vincenzo, imwieled Siracusa, fl-10 ta’ Frar, 1973, karta ta’ l-identita numru 18571(A)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fl-4 ta’ Marzu, 2012 għal ħabta tat-3.40 a.m. ġewwa Triq il-Qawra, San Pawl il-Baħar:
1. minn ġewwa l-lukanda Dolmen, mill-kamra numru 166, bil-ħsieb li jagħmel delitt, wera dan il-ħsieb b’atti esterni, u ta bidu għal esekuzzjoni ta’ dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipensdenti mill-volonta’ tiegħu;
2. fil-25 ta’ Marzu, 2012 għal ħabta tal-5.00 a.m. minn ġewwa l-lukanda Dolmen, mill-kamra numru 166,

ikkometta serq ta' arloġġ għad-dannu ta' Michael Fernard Eugine Grislain, liema serq hu kkwalifkat bil-ħin, bil-mezz u bil-valur, liema valur tal-ħaġa misruqa jeċċedi l-€232.94 iżda mhux iżjed minn €2,329.37;

3. talli sar reċidiv b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;

4. fil-lejl ta' bejn l-24 u il-25 ta' Marzu, 2012 u bejn il-lejl tat-3 u l-4 ta' Marzu, 2012 naqas milli jħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposta fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fid-digriet tagħha tal-5 ta' Novembru, 2010 li bih tagħtu l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Ottubru, 2012 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 41(1)(a), 49, 50, 261(b)(ċ)(f), 263, 267, 270, 278(1)(2)(3) u 579 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' sitt xhur priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------